# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**IMHALLEF**

**ONOR. CARMEL A. AGIUS, B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 30 ta' Ottubru, 2001**

**Numru 10**

**Appell Nru. 322/97**

**Il-Pulizija (Spettur Tarcisio Pulis)**

**vs**

**Raymond Cucciardi, Vincent Cucciardi u Stephen Cucciardi**

**Il-Qorti,**

Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-6 ta' Novembru, 1997, fil-konfront ta' tlett imputati, liema sentenza taqra kif gej:-

> "Il-Qorti,
>
> Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputati:
>
> Raymond Cucciardi, ta' 30 sena, bin Vincent u Stella nee' Azzopardi, imwieled Pieta' fl-10 ta' Gunju 1963 u joqghod 47, Triq Sant' Anglu, l-Isla, ID 321863 M;

Vincent Cucciardi, ta' 34 sena, bin Vincent u Stella nee' Azzopardi, imwieled Pieta` fl-10 ta' Gunju 1963 u joqghod 47, Triq Sant` Anglu, l-Isla, ID 212559 M;

Stephen Cucciardi, ta' 23 sena, bin Vincent u Stella nee' Azzopardi, imwieled Pieta` fl-10 ta' Gunju 1963 u joqghod 47, Triq Sant` Anglu, L-Isla, ID 318570;

Talli fi-2 ta' Mejju 1993, ghall-habta tal-4.30pm., go l-Isla, ikkagunaw griehi ta` natura gravi fuq il-persuna ta' Edwin Vella, minn Bormla, u ferita ta' natura hafifa fuq Charles Vella mir-Rahal Gdid;

Talli Vincent Cucciardi u Raymond Cucciardi huma recidivi b'sentenzi tal-Qorti, liema sentenzi huma definittivi, bi ksur tal-Artikolu 49 tal-Kodici Kriminali Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet il-provi bil-gurament.

Ikkunsidrat:

Illi l-akkuzi dedotti kontra l-imputati huma bazati fuq ir-reati ta' Offiza ta' natura gravi fuq il-persuna, Offiza ta' natura hafifa fuq l-istess; u fil-konfront tal-imputati Raymond u Vincent Cucciardi, ukoll fuq Recidivita'.

Illi mill-kumpless tal-provi rrizulta sodisfacentement li fit-2 ta' Mejju 1993 ghall-habta tal-4.30 pm waqt li Edwin Vella kien qieghed jithadded ma' persuna ohra madwar mejda go bar fl-Isla, dana gie avvicinat mill-imputati Stephen u Raymond Cucciardi. Minghajr ebda provokazzjoni da parti ta' l-imsemmi Edwin Vella l-istess Raymond Cucciardi tah daqqa ta' tazza go rasu u l-imputat Vincent Cucciardi tah daqqa ta' flixkun go mohhu bir-rizultat li Edwin Vella sofra griehi ta' natura gravi a tenur tal-Artikolu 216 (1) (b) (d) Kap. 9.

Illi ghalhekk fil-konfront tal-imputati Raymond Cucciardi u Vincent Cucciardi jirrizulta provat ir-reat ta' Offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Edwin Vella a tenur ta' l-imsemmi Artikolu tal-ligi. Irrizulta wkoll fil-konfront ta' l-istess li dawn huma recidivi a tenur ta' l-Artikolu 49 tal-imsemmi Kap.

Illi fil-konfront ta' l-imputat Stephen Cucciardi, l-fatti dedotti fl-akkuzi ma jirrizultawx.

> Illi in propositu ghall-piena il-Qorti tirrileva li l-agir taz-zewg imputati fuq imsemmija fil-konfront ta' l-imsemmi Edwin Vella, jimmerita certament piena karcerarja. Mill-provi rrizulta ampjament li dawna marru fuq Vella sabiex isawtuh u hekk ghamlu minghajr l-icken provokazzjoni da parti ta' dan. Dan il-komportament jisthoqqlu piena karcerarja sabiex iservi bhala deterrent ghall-futur.
>
> Ghal dawn il-motivi ssib lill-imputati Raymond Cucciardi u Vincent Cucciardi hatja skond l-akkuzi a tenur tal-Artikoli 216 (1) (b) (d) Kap. 9. kif ukoll talli huma recidivi a tenur ta' l-Artikoli 49 u 50 ta' l-istess Kap. U tikkundannahom kull wiehed ghal piena ta' prigunerija ghal zmien sitt xhur – minn liema terminu ghandu jitnaqqas iz-zmien li dawna inzammu taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz. Inoltre tikkundannahom ihallsu in solidum bejniethom l-ispejjez tar-ritratti esebiti mill-espert tal-fotografija, wara li dawn l-ispejjez ikunu ingiebu a konjizzjoni ta' din il-Qorti.
>
> Ma ssibx lill imputat Stephen Cucciardi hati ta' l-akkuzi dedotti kontra tieghu u tilleberah minnhom".

Minn dik is-sentenza appellaw Raymond Cucciardi u Vincent Cucciardi. L-imputat l-iehor gie lliberat mill-akkuzi migjuba kontrih. L-appellanti, permezz tar-rikors ta' l-appell taghhom ipprezentat fis-17 ta' Novembru, 1997, qed jitolbu lil din il-Qorti li tirrevoka s-sentenza appellata billi tiddikjara li l-istess sentenza moghtija mill-ewwel Onorabbli Qorti llediet id-drittijiet fondamentali taghhom, u konsegwentement terga' tibghat lura lill-prim'istanza l-atti jew fit-tieni lok issibhom mhux hatja mill-akkuzi kif dedotti kontra taghhom u tilliberahom minn kull htija u piena.

L-aggravju ta' l-appellant jikkonsisti fis-sottomissjonijiet li gejjin:-

1. Fl-ewwel lok huma jilmentaw li d-drittijiet fondamentali taghhom ma gewx rispettati fil-kors tal-proceduri quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti. Huma jissottomettu li ma kellhomx il-possibilita' li jittrattaw il-kaz taghhom tajjeb. Di fatti, jissottomettu, ghandu jirrizulta ampjament li la xhieda mid-difiza ma tressqet u lanqas ma saret trattazzjoni. Huwa minnu li huma kienu inkarigaw konsulent legali biex jiddefendihom izda dan jidher car li meta kien gie msejjah ghas-seduti ma lahaqx deher. Jirrizulta wkoll li billi wiehed mill-imputati diversi drabi kien imsiefer, mhux fis-seduta kollha kienu qeghdin jidhru l-imputati, u dan seta' ta l-impressjoni li kien hemm diversi differimenti ghall-istess haga meta fil-fatt ma kienx hemm. Dawn l-incidenti ghenu biex huma ma kellhomx difiza adegwata u konformi mal-ligi. Huma jissottomettu li l-istess Kodici Kriminali jippreskrivi f'certi kazijiet, u senjatament f'dawk quddiem il-Qorti Kriminali li jkun hemm avukat appuntat mill-Qorti stess sabiex jiddefendi lill-imputat. Dan l-insenjament huwa marbut mal-fatt illi huma rejati dawk l-atti li jingiebu a konjizzjoni tal-Qorti Kriminali u hija abbazi ta' dan li l-istess Qorti tal-Magistrati kellha tikkonsidra li tahtar avukat biex tiddefendihom. Huma jissottomettu li dan baqa' ma sarx u la difiza fuq ir-rejati ma kien hemm u lanqas trattazzjoni fuq il-piena. Fil-fehma taghhom dan ghandu jimmilita favur it-tezi taghhom li huma ma nghatawx *fair trial* u ghalhekk dan il-process penali ghandu jigi annullat u l-atti tieghu mibghuta lura quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti.

L-appellanti fir-rigward jissottomettu li l-mekkanizmu legali malti huwa intiz sabiex l-imputat ikollu l-aqwa difiza possibbli u l-emendi maghmula fis-sistema guridiku taghna bl-introduzzjoni ta' l-Att XIV ta' l-1987, li jinkorpora l-parti sostantiva tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem juru li dak li kien hemm ried jigi mgholli 'l fuq. L-appellanti fl-ahharnett jissottomettu li huwa minnu li l-qrati taghha ddecidew li mhux f'kull kawza li ssir quddiem il-Qorti tal-Magistrati hemm dan id-dritt ta' konsulenza legali appuntata direttament mill-Qorti, izda huma umilment jissottomettu li dan seta' jsir u anzi kellu jsir fil-kawza taghhom. Ghalhekk la darba dan ma sarx huma gew sprovvisti fil-fatt u fir-rejalta' tac-cirkostanzi minn difiza serja u vera.

Ghall-mument din il-Qorti ser tissofferma ruhha fuq dan l-aggravju ghaliex hu evidenti li jekk tasal ghall-konkluzzjoni li m'huwiex merament wiehed frivolu jew vessatorju, allura trid tapplika l-ligi u taghmel riferenza appozita.

Din il-Qorti ezaminat l-atti processwali fir-rigward biex tara jekk din l-allegazzjoni, li l-appellanti gew ittrattati bil-mod kif qed jilmentaw minnu quddiem l-ewwel Qorti, hiex sostnuta jew le.

Wara li ezaminat l-atti kollha relattivi din il-Qorti ma taqbel xejn illi hemm x'jindika illi seta' gie lez id-dritt taghhom ta' smiegh xieraq fuq il-bazi ta' l-ilment kif qed jipprezentaw huma. Kellhom l-opportunita' kollha fil-kors tal-kawza li jressqu l-provi u li jaghmlu t-trattazzjoni. Jidher li l-ewwel

Qorti hadet pacenzja bizzejjed, u jekk dak li xtaqu ma sarx ma jistghux jaddossaw ir-responsabilita' fuq hadd hlief fuqhom infushom.

Ghalhekk fl-ewwel lok, inkwantu jirrigwarda dan l-ewwel l-aggravju, din il-Qorti qeghda tiddikjara li l-kwistjoni mqajjma mill-appellanti dwar l-allegat nuqqas ta' smiegh xieraq kommess bi pregudizzju ghalihom mill-ewwel Onorabbli Qorti fil-kors tal-proceduri fi prim'istanza, hija merament frivola, u mhux biss frivolu imma anke vessatorja. Ghalhekk mhux il-kaz li tipprovdi ulterjorment fuqha.

Fil-kors tat-trattazzjoni orali quddiem din il-Qorti, l-appellanti ssottomettew aggravju iehor ta' indoli procedurali li ma kienx tressaq fir-rikors ta' l-appell. Huma qeghdin jissottomettu li wara illi l-Avukat Generali, kif jirrizulta minn fol. 182 u 183 tal-process, baghat ir-rinviju finali tieghu bl-artikoli li, fil-fehma tieghu, abbazi taghhom setghet tinstab htija fil-konfront ta' l-appellanti u dana biex l-ewwel Qorti, f'nuqqas ta' oggezzjoni ta' l-imputati skond dak li hemm mahsub fl-artikolu 370 (3) (c) (e) tal-Kodici Kriminali tiddeciedi fuq l-akkuza ta' dik il-htija jew htijiet, jew f'kaz ta' oggezzjoni tipprocedi skond l-artikolu 370 (3) (d) (e) ta' l-imsemmi Kodici, ma saritx it-talba lill-imputati dwar x'kienu jaghzlu, cioe' jekk kellhomx oggezzjoni illi jigu gudikati mill-ewwel Qorti bhala Qorti ta' Kriminali Gudikatura.

L-Avukat Generali kif rapprezentat f'din il-kawza ma jikkontestax li din hija l-posizzjoni, pero', jissottometti li dan l-aggravju ma tqajjimx fir-rikors ta' l-appell u ghalhekk ma jistax jigi konsidrat minn din il-Qorti.

Din il-Qorti ma taqbel assolutament xejn ma' din l-oggezzjoni ta' l-Avukat General, peress li kif kien hemm okkazzjonijiet diversi jigi deciz minnha ir-rikors ta' l-appell u l-aggravju generali ta' l-appell huwa devoluttiv ta' aggravji ohra li jista' jkun ma jkunux gew specifikati fir-rikors ta' l-appell u li tqajjmu fit-trattazzjoni orali. Purche' l-parti l-ohra jkollha l-opportunita' li tittratta fi zmien utili wara li tkun ippreparat ruhha ghal tali aggravju gdid, m'hemm xejn li jzomm lill-Qorti milli tinvesti l-istess aggravju u tiddecidieh.

Din il-Qorti ezaminat l-atti processwali kemm antecedenti ghan-nota ta' rinviju msemmija li ggib id-data tat-30 ta' April, 1996, u li jidher li giet mdahhla fl-atti sussegwentement, kif ukoll wara u li setghet tikkonstata li verament fl-ebda hin ma hemm verbalizzat li l-ewwel Qorti, kif obbligata taghmel u kif mitluba taghmel taht il-ligi, ma saqsietx lill-imputati jekk kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz minnha bhala Qorti ta' Kriminali Gudikatura.

Illi benche' forsi wiehed jista' itendi jahseb illi bil-fatt li l-imputati komplew jippartecipaw fil-proceduri quddiem l-ewwel Qorti, u anke wiehed minnhom xehed u anke dehru f'xi hinijiet wiehed jew iehor mill-avukati taghhom dan seta' jammonta ghal konferma tacita li ma

kellhomx oggezzjoni li l-kaz jitkompla jigi trattat u deciz mill-ewwel Qorti bhala Qorti ta' Kriminali Gudikatura, din il-Qorti thoss illi f'materja daqstant fondamentali u li hija l-bazi fuq liema il-gurisdizzjoni bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali setghet tigi radikata u ezercitata, m'ghandhiex u ma tistax tippermetti eccezzjonjiet bazati fuq konsiderazzjonijiet li l-ligi evitathom. Il-ligi ma thallix spazju ghal dikjarazzjoni tacita. Il-ligi trid li l-Qorti tponi d-domanda espressament lill-imputati li ghandhom fakulta' li jaghmlu xelta jew ohra. Ma jidhirx mill-process li dan sar, u f'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti ma thossx li tkun qeghda timxi skond il-ligi jekk tikkondona dak li sar u taghti valur legali lill-inadempjenza ta' l-ewwel Qorti u s-silenzju ta' l-imputati jew l-attivita' taghhom, meta dan mhux prospettat mil-ligi li anzi tipprospetta diversament.

Fil-fehma ta' din il-Qorti dan ghandu jwassal ghall-annullament tal-proceduri.

Kien hemm biss konsiderazzjoni wahda li gaghlet lil din il-Qorti tittituba u cioe' illi, dejjem fl-istess nota ta' rinviju ta' l-Avukat Generali a fol. 182, fuq nett fuq in-naha tax-xellug, hemm it-timbru li jgib anke l-firma tad-Deputat Registratur li jgib id-data tat-30 ta' April, 1996, illi tghid moqrija lill-imputat. Kif inghad ghall-mument dana gaghal lil din il-Qorti tahseb jekk kienx kaz li forsi ssalva l-atti, pero', altru l-qari tan-nota ta' rinviju (u l-Imhallef sedenti ghandu esperjenza ta' dan) u altru li jsiru d-domandi

lill-imputati li l-ligi timponi. It-tnejn m'humiex l-istess u din il-Qorti ma temminx li l-vot tal-ligi huwa sodisfatt semplicement minhabba li n-nota ta' rinviju inqrat lill-appellanti. Kellu jkun hemm, u dan taht piena ta' nullita', verbalizzat li saret id-domanda u x'kienet f'kull kaz ir-risposta ta' kull wiehed mill-imputati.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qeghda tiddisponi mill-appell billi fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet premessi, tilqa' l-istess fis-sens li ser jinghad, u cioe' billi tiddikjara illi l-proceduri kollha li saru wara s-seduta tat-30 ta' April, 1996, quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti, inkluza wkoll is-sentenza mertu ta' dan l-appell, huma nulli u bla effett fil-ligi u qeghdin jigu dikjarati bhala tali. Konsegwentement l-atti qeghdin jintbaghtu lura lill-ewwel Onorabbli Qorti ghall-kontinwazzjoni skond il-ligi b'dan illi l-posizzjoni ghandha tittiehed minn kif kienet wara li l-ewwel Onorabbli Qorti rceviet ir-rinviju li hemm a fol. 182.

Dep/Reg

mm